Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 19, 20, 39, 41 u 42)

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-20 ta' Marzu 2009 (Każ R 515/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Société de développement et de recherche industrielle u Ergo Versicherungsgruppe AG.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Ergo Versicherungsgruppe AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tal-15 ta' Lulju 2011 — Ergo Versicherungsgruppe vs UASI — Société de développement et de recherche industrielle (ERGO Group)

(Kawża T-221/09)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali ERGO Group — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti URGO — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 19-21, 58, 59)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-20 ta' Marzu 2009 (Każ R 520/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Société de développement et de recherche industrielle u Ergo Versicherungsgruppe AG.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Ergo Versicherungsgruppe AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Lulju 2011 — Fapricela vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-398/10 R)

"Proċeduri għal miżuri provviżorji — Kompetizzjoni — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi multa — Garanzija bankarja — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Dannu finanzjarju — Nuqqas ta' ċirkustanzi eċċezzjonali — Nuqqas ta' urġenza"